**Il-Ħamis**

**Ir-Raba' ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Mulej Alla, Sid tal-glorja,
li bid-dawl tal-jum sebbaħtna,
f'riġlejk nersqu w bit-talb tagħna
lilek noffru dan il-għasar.

2.
Din ix-xemx, li qed tħallina,
sejra ddawwal popli oħra,
waqt li fuqna ftit ħin ieħor
jiġi l-lejl bi dlamijietu.

3.
F'dan il-ħin għażiż ta' ġabra,
nitolbuk, Mulej, bil-qima:
la tħallix id-dlam ikiddna
wara l-għeja tal-ġurnata;

4.
Imma żommna dejjem nishru
sa ma jgħib il-jum tad-dinja,
ħalli mbagħad, bil-grazzja tiegħek,
nithennew bid-dawl ta' wiċċek.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Il-Mulej hu t-tjieba u l-kenn tiegħi: fih nittama.
L-Għid: Il-Mulej iżommni fil-kenn tiegħu: hu l-ħellies tiegħi, hallelujah.

**Salm 143 (144)**
**I**
Imbierek il-Mulej, il-blata tiegħi, †
li jħarriġli jdejja għat-taqbida *
u subgħajja għat-taqtigħa.
Tjieba tiegħi u qawwa tiegħi, *

kenn tiegħi u ħellies tiegħi,
tarka tiegħi, fih jien nistkenn; *
hu li jrażżan il-popli taħti.

Mulej, x'inhu l-bniedem biex taħseb fih, *
jew bin il-bniedem biex tiftakar fih?
Bħal daqxejn ta' nifs hu l-bniedem; *
bħal dell li jgħaddi huma jiemu.

Ofroq, Mulej, is-smewwiet tiegħek. u inżel; *
miss l-għoljiet, u huma jdaħħnu.
Agħmel il-beraq u xerridhom; *
faqqa's-sajjetti u ħarrabhom.

Midd idek mill-għoli, *
aħtafni mill-ilma kotran;
eħlisni minn id il-barrani, †
li b'fommu jgħid il-gideb, *
u b'lemintu jixhed il-qerq.

Ant. Il-Mulej hu t-tjieba u l-kenn tiegħi: fih nittama.
Ant. 2 Hieni l-poplu li l-Mulej hu Alla tiegħu.
L-Għid: Niżżu ħajr lil Alla, li tana r-rebħa b'Sidna Ġesù Kristu, hallelujah.

**II**
O Alla, għanja ġdida rrid ninsiġlek,*
fuq arpa ta' għaxar kordi ngħannihielek.
Int li tagħti r-rebħa lis-slaten, *
li teħles lil David, il-qaddej tiegħek.

Mis-sejf tal-ħażin ħarisni; *
eħlisni minn id il-barrani,
li b'fommu jgħid il-gideb, *
u b'lemintu jixhed il-qerq.

Ħa jkunu wliedna f'żgħożithom *
bħal xitel imlaħħaq sewwa;
uliedna l-bniet bħal kolonna minquxa, *
iżejnu l-irkejjen tal-palazzi.
Ħa jkunu l-imħażen tagħna mfawra, *
u jagħtu kull xorta ta' ġid.
L-imrieħel bl-eluf iwelldu, †
għaxriet ta' eluf fir-raba' tagħna; *
ħa jkunu tqal il-bhejjem tagħna.
Ebda selħa fis-swar, u ebda ħarba, *
anqas għajat ta' niket fil-pjazez tagħna. –

Hieni l-poplu li għandu dan kollu! *
Hieni l-poplu li Jaħweh hu Alla tiegħu.

Ant. Hieni l-poplu li l-Mulej hu Alla tiegħu.
Ant. 3 Ġiet is-salvazzjoni u s-saltna ta’ Alla tagħna.
L-Għid: Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem, hallelujah.

**Kantiku (Apok 11,17-18; 12,10b-12a)**

Niżżuk ħajr, Mulej, Alla li tista’ kollox, †
li int u li kont, *
talli ħadt il-qawwa kbira tiegħek u bdejt issaltan.

Il-ġnus imtlew bil-korla, †
imma ġiet il-korla tiegħek *
u wasal iż-żmien li jsir ħaqq mill-mejtin,
u jingħata l-ħlas mistħoqq *
lill-qaddejja tiegħek il-profeti,
lill-qaddisin u ‘l dawk li jibżgħu minn ismek, *
kemm iż-żgħar u kemm il-kbar.

Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa
u s-saltna ta’ Alla tagħna *
u s-setgħa tal-Messija tiegħu,
għax twaddab ‘il barra dak li jixli ‘l ħutna, *
li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.

U huma ħarġu rebbieħa fuqu
bis-saħħa ta’ demm il-Ħaruf *
u bis-saħħa tax-xhieda li taw,
u xejn ma għożżew ħajjithom, *
hekk li ħadu saħansitra l-mewt.
Għalhekk ifirħu, smewwiet, *
u intom li tgħammru fihom.

Ant. Ġiet is-salvazzjoni u s-saltna ta’ Alla tagħna.

**LEZZJONI QASIRA Kol 1,23**

Żommu sħaħ fil-fidi, sodi bla ma titħarrku mit-tama ta’ Evanġelju li intom smajtu, u li tħabbar lill-ħlejjaq kollha taħt is-smewwiet.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi: * Xejn ma jonqosni. Il-Mulej.
V. F’mergħat kollhom ħdura jqegħedni. * Xejn ma jonqosni. Glorja. Il-Mulej.

Ant. tal-kant. ta’ Marija Il-Mulej xabba’ lil dawk li huma bil-ġuħ tal-ġustizzja u mliehom b’kull ġid.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f’Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh

fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Il-Mulej xabba' lil dawk li huma bil-ġuħ tal-ġustizzja u mliehom b'kull ġid.

**PREĊI**

Kristu hu d-dawl tal-ġnus u l-ferħ tal-bnedmin kollha. Nersqu quddiemu u b'devozzjoni kbira ngħidulu:
*Mulej, agħtina d-dawl, is-sliem u s-salvazzjoni.*
Kristu, inti d-dawl etern u l-Verb tal-Missier, li ġejt fid-dinja biex issalva l-bnednin kollha:
- mexxi l-katekumeni tal-Knisja tiegħek u kun id-dawl tagħhom.
Mulej, tqisilniex ħtijietna:
- għax għandek hemm il-maħfra.
Inti trid li l-bnedmin jitkixxfu u jistħarrġu fuq il-qawwiet moħbija tal-ħolqien biex jaħkmu d-dinja aħjar:
- agħmel li kull tħabrik xjentifiku u kull ħidma artistika jservu għall-glorja tiegħek u għar-riżq u l-hena ta' kulħadd.
Ħares lil dawk li ddedikaw ħajjithom għas-servizz ta' ħuthom fid-dinja:
- għinhom ħa jseħħilhom itemmu x-xogħol tagħhom bla xkiel u
twegħir.
Mulej, int il-Qaddis, li tiftaħ u ħadd ma jagħlaq:
- daħħal fid-dawl tiegħek lil ħutna kollha li raqdu bit-tama tal- qawmien għall-ħajja.

**Missierna**

**Talba**

Fit-tjieba tiegħek, Mulej, agħti widen għal dan it-talb umli tagħna ta' filgħaxija, biex nagħmlu l-frott bl-opri tajba tagħna billi nibqgħu sħaħ sa l-aħħar. B'Ibnek.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**